



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-25 ta' Frar 2021 – Stadtapotheke E

(Kawża C-378/20)<sup>1</sup>

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 47 – Dritt għal qorti imparzjali – Talba għal konċessjoni ta' spiżerija ġdida – Obbligu li tintalab perizja mill-assoċjazzjoni tal-ispiżjara – Libertà professjonali u dritt għax-xogħol – Libertà ta' intrapriża – Dritt għall-proprjetà – Kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' spiżerija ġdida – Proporzjonalità – Assenza ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Artikolu 53(2) u l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

1. *Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Limiti – Talba għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tikkostitwixxix miżura ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li ma għandhiex elementi oħra ta' konnessjoni ma' dan tal-aħħar – Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

*(Artikolu 267 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 51(1); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 53(2) u 94)*

*(ara l-punti 28 sa 31, 34 u d-dispożittiv)*

2. *Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Limiti – Talba għall-interpretazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li ma timplimentax lil dan tal-aħħar – Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

*(Artikolu 267 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 53(2) u 94)*

*(ara l-punti 32 sa 34, u d-dispożittiv)*

### Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mil-Landesverwaltungsgericht Oberösterreich (il-Qorti

<sup>1</sup> ĠU C 443, 21.12.2020.

Amministrattiva Reġjonali ta' Oberösterreich, l-Awstrija), permezz tad-deċiżjoni tal-10 ta' Awwissu 2020.